**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Rikors Numru: 233/2020 RM**

**Sabrina Wingfield**

**-Vs-**

**Christopher Borg**

**Illum, 1 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-attriċi Sabrina Wingfield fis-26 ta' Novembru 2020 fir-Reġistru tal-Qorti fejn prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet li ser jiġu dettaljatament ittrattati tul il-mori ta' dawn il-proċeduri, talbet illi l-konvenut Christopher Borg jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' tmint elef, ħames mija u seba' Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€ 8,507,61), jew somma oħra verjuri, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' għaxart elef Ewro (€10,000) meħuda b'titolu ta' self mill-attriċi għall-benefiċċju tiegħu, liema self intuża unikament minnu biex saru xogħolijiet ta' appalt u xiri ta' mobbli għall-benefiċċju tiegħu.

Illi għalkemm ġie diversament interpellat sabiex jirrimedja għal-lanjanza suriferita, hu baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Bl-ispejjez kollha, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali bin-numri 1084/2020 u 1589/2020, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru 1028/2020 u bl-imgħax legali sad-data tal-effetiv pagament, kontra l-konvenut, li hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ġie notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża permezz tal-proċedura prospettata fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 kif del resto ġie awtorizzat b'digriet mogħti waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2021 u dan wara illi t-terminu stipolat fl-imsemmi Artikolu 187(3) mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni skada abbundantement;

Rat illi madanakollu, minkejja li ġie debitament notifikat, il-konvenut baqa' ma deherx quddiem il-Qorti la personalment u lanqas permezz ta' rapprezentant legali biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Semghet ix-xhieda tal-attrici fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2021;

Rat ukoll illi l-konvenut minkejja li ngħata l-opportunita` li jressaq il-provi fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2021, naqas milli taghmel dan;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet posposta ghal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-konvenut, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tal-attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma

jfissirx li t-talba tal-attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tiegħu fil-grad probatorju meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

L-attriċi xehdet quddiem il-Qorti[1] u spjegat illi l-ammont mitlub minnha jirrappreżenta bilanċ mis-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) li hija silfet mill-bank u għaddiet lill-konvenut ukoll in linea ta' self sabiex tgħinu finanzjarament fit-twettiq ta' xi xogħolijiet u għax-xiri ta' mobbli fil-fond di proprjeta' tiegħu. Jirriżulta li l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien f'dan il-perijodu u ma ġiet konkluża l-ebda skrittura bejniethom in konnessjoni mas-self ta' dan il-flus lill-konvenut iżda l-konvenut kien għamel xi pagamenti lill-attriċi akkont tas-somma mislufa lilu mill-attriċi. Madanakollu, wara li r-relazzjoni bejniethom spiċċat, huwa baqa' ma ħallas xejn iktar u fadal bilanċ fis-somma ta' tmint elef ħames mija u seba' Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€8,507.61). L-attriċi fix-xhieda tagħha kkonfermat illi dan il-bilanċ għadu ma tħallasx minkejja li l-konvenut ġie interpellat anke uffiċjalment biex iħallas, u l-ammont għadu dovut sal-lum.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenut u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi ressqet provi sodisfaċjenti u suffiċjenti li jikkonvinċu lill-Qorti fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €8,507.61huwa dovut mill-konvenut.

**<u>Decide</u>**

[1] Xhieda tal-14 ta' Ottubru 2021.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenut CHRISTOPHER BORG iħallas lill-istess attriċi is-somma ta' tmint elef ħames mija u seba' Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€8,507.61) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-ewwel sejħa ġudizzjarja għall-hlas.**

**L-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**